MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 80/2005/1

**Carmen Elizabeth Lama**

**v.**

**Eugenio Lama**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili – Sezzjoni Familja fis-27 ta' April 2006 li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talba attrici (proprjament kien hemm tlett talbiet, wahda pedissekwa ghall-ohra, li pero` fir-realta` jammontaw ghal talba wahda) sabiex iz-zwieg

taghha mal-konvenut jigi dikjarat null. Permezz ta' citazzjoni prezentata fis-17 ta' Marzu 2005 l-attrici, wara li ppremettiet li hija kienet izzewget lil Eugenio Lama fit-12 ta' Dicembru 1972 "fil-Parrocca[1] ta' Santa Katarina ta' Siena ta' l-Italja, li tinsab fil-Belt Valletta faccata tal-Knisja tal-Vittorja", liema Eugenio Lama dak iz-zmien kellu cittadinanza Taljana; li "mir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom" hija u zewgha kellhom tifla li llum ghandha aktar minn tletin sena; li "jirrizulta manifestament li hemm ragunijiet legalment u fattwalment fondati li jinkwardaw ruhhom fil-kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, partikolarment artikolu 19, subartikolu 1, paragrafi (a), (c) u (d) u possibilment paragrafi (f) u (g)"; premess dan kollu, l-attrici talbet li iz-zwieg taghha mal-konvenut jigi dikjarat "null, invalidu, ineffettiv u mhux enforzabbli."

2. Il-konvenut f'dan il-kaz baqa' kontumaci.

3. L-unici provi f'dan il-kaz huma d-dikjarazzjoni guramentata ta' hdax-il faccata akkompanjanti c-citazzjoni – dikjarazzjoni li, mill-mod kif inhi redatta, ghalkemm jista' ikun li tigbor fiha b'mod generali dak li riedet tghid l-attrici, kjarament fiha hafna *input* ta' l-avukat difensur taghha – u d-deposizzjoni ta' l-istess attrici moghtija *viva voce* quddiem l-ewwel Qorti fl-udjenza tas-7 ta' Marzu 2006.

4. L-ewwel Qorti, kif inghad, cahdet it-talba attrici, bl-ispejjez kontra taghha. Dan ghamlitu wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut ikkuntratt fit-12 ta' Dicembru 1972 u celebrat fil-Kappella ta' Santa Katerina fil-Belt Valletta huwa null fil-ligi ai termini tal-paragrafi [a][c][d][f] u [g] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap. 255.

"Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li, stante li z-zwieg meritu ta' din il-kawza kien gie kuntrattat fis-sena 1972, u ghalhekk qabel l-introduzzjoni ta' l-Att XXXVII tas-sena 1975 fuq

[1] Din il-knisja, kif jaf kulhadd, ma hix parrocca izda taqdi biss il-htigijiet tal-komunita ta' dawk f'Malta li jitkellemu bit-Taljan.

citat, huma applikabbli l-Artikoli 35 u 36[2] ta' l-istess Att. Kif osservat minn din il-Qorti fil-kawza *PA[RCP] Charles Atkins vs Matilde Atkins*[2], l-Artikolu 36[2] jeskludi l-applikazzjoni ta' dan l-Att ghaz-zwigijiet li kienu validi fiz-zmien li saru. Dan ifisser li f'kazijiet ta' zwigijiet kuntrattati qabel il-promulgazzjoni ta' dan l-Att fis-sena 1975, il-Qorti ghandha fl-ewwel lok tezamina jekk dak iz-zwieg kienx validu skond il-ligi li kienet tapplika ghalih fiz-zmien meta sar, ghax jekk kien validu allura dak kollu li hemm fl-Att ma jistax jolqot dik il-validita`. Huwa biss jekk dak iz-zwieg ma kienx hekk validu li l-Att jista' jigi invokat u jkunu applikabbli l-Artikoli tal-ligi indikati fl-Artikolu 35[3], inkluz allura l-Artikolu 19[1] fuq citat u li fuqu l-attrici qed isserrah l-azzjoni taghha.

"F'dan l-istadju hija opportuna l-osservazzjoni li *onus probandi ei qui dicit non ei qui negat*, u konformament ma' dan il-principju kardinali f'materja ta' prova, l-oneru tal-prova jirrisjedi fuq il-parti li tallega. *Multo magis* f'kazijiet bhal dawn in disamina fejn tezisti fil-ligi presunzjoni legali dwar il-validita` tal-kuntratt taz-zwieg, sakemm ma jigix muri l-kuntrarju bi provi sodisfacenti li jezistu, wiehed jew aktar, mir-ragunijiet espressament kontemplati fil-ligi *[App.Joseph Zammit vs Bernardette Zammit deciza 27.01.2006].*

"Fil-kaz in disamina sabiex l-attrici tirnexxi fl-azzjoni taghha, hija ghandha l-obbligu, mhux biss li tipprova sodisfacentement l-esistenza tal-fatti li fuqhom huma bazati l-*capita nullitatis* fuq indikati, jew wiehed minnhom; izda fl-ewwel lok ghandha tipprova li z-zwieg taghha ma kienx validu taht il-ligi vigenti fiz-zmien li kien ikkuntrattat u cioe' taht il-Ligi Kanonika in materja kif espressa fil-Kodici Pio Benedittin tas-sena 1917.[4] U huwa fil-kaz biss li l-attrici tirnexxi f'din il-prova, li l-Qorti hija legalment permessa li tghaddi ghall-ezami tal-paragrafi fuq citati tal-Artikolu 19[1].

---

[2] Deciza 2 ta' Ottubru 2003

[3] Recte: 36(1) - il-Qorti ta' l-Appell

[4] Vide sentenza fuq citata

"F'dan ir-rigward jigi osservat li hija lampanti l-mankanza da parti ta' l-attrici ghal kull referenza ghad-dritt kanoniku, kif ukoll ghal kanoni li fuqhom setghet tistrieh it-tesi tal-invalidita` taz-zwieg taht dan ir-regim. Hija tillimita ruhha biss billi tindika paragrafi kontenuti fl-Artikolu 19[1] tal-Kap.255 li jittrattaw vizzju tal-kunsens matrimonjali *vis et metus*, difett ta' *discretio judicii*, simulazzjoni u kunsens soggett ghal kondizzjoni futura. Il-Qorti tosserva li mhux il-kompitu taghha li tezamina l-*capita nullitatis* kollha kontemplati fil-Kodici Pio Benedittin sabiex tara jekk il-kaz ta' l-attrici jissubentrax f'xi wiehed minnhom, meta l-istess attrici naqaset li tispecifikahom kif kellha d-dmir li taghmel, *multo magis* meta kull kuntratt, *multo magis* il-kuntratt taz-zwieg, ghandu favur tieghu l-prezunzjoni tal-validita`.

"Ghalhekk fid-dawl tal-premess il-Qorti ser tillimita l-ezami taghha ghal kanoni li jirrelataw ma' l-imsemmija fatturi, u cioe' l-kanoni 1086 li jitratta dwar is-simulazzjoni, il-kanoni 1087 li jitratta dwar il-fatturi *vis et metus*, u l-kanoni 1092 li jittrata l-kaz meta l-kunsens matrimonjali jkun gie marbut ma xi kundizzjoni li tirreferi ghall-futur. Inoltre, il-Qorti ser tezamina l-fattur tad-difett tad-*discretio judicii*, li ghalkemm ma jinsabx kodifikat fl-imsemmi kodici, kien diga` gie introdott bhala principju gurisprudenzjali f'decizjoni tar-Rota tad-9 ta' Dicembru 1961 De Jore, kif indikat fis-sentenza fuq citata. F'din id-decizjoni kien gie osservat li "it is necessary that the contracting party be possessed of that discretion of mind and freedom of will that is generally required for entering into any contract and especially into this perpetual and indissoluble contract, through which a state of life is accepted which has grave obligations".

"Illi f'dan il-kaz ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fit-12 ta' Dicembru 1972 l-attrici li f'dak iz-zmien kellha 19 il-sena zzewwget lill-konvenut li f'dak iz-zmien kellu 25 sena u kien ghad kellu cittadinanza Taljana. Minn dan iz-zwieg twieldet tifla fil-25 ta' Lulju 1974, meta allura l-attrici kellha 21 sena. Il-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin qabel iz-zwieg stante li kif xehedet l-attrici, il-konvenut kien jahdem ma missierha u "kien jghix ghandna"[5].

[5] Fol.52

"L-attrici tghid li minn meta twieldet it-tifla “Sa dak iz-zmien kollox kien ghadu sew, u mbaghad wara, l-affarijiet bdew sejrin hazin ghax beda jitraskurani minhabba x-xoghol, u kont qed inkun id-dar ghal hinijiet twal wahdi.”[6] Fix-xhieda taghha l-attrici tghid li l-inkwiet bejniethom nqala’ cirka sentejn wara z-zwieg. Wara li twieldet it-tifla hija ma rieditx aktar tfal u “jiena nghid ghalija minn naha tieghi ma bqajtx kif kont”[7] u kkonfermat li wara t-twelid tat-tifla hija ma baqghetx attratta aktar lejn il-konvenut.[8] Kien hemm zmien sussegwentement li l-attrici telqet mid-dar, izda wara, kienet regghet irritornat minhabba t-tifla u l-familja taghha. Ghalkemm l-attrici kienet regghet irritornat lura, is-sitwazzjoni bejn il-konjugi qatt ma mmeljorat sa tal-punt li fl-affidavit taghha tghid dwar l-ittri anonomi li kienet tircevi fuq ir-ragel: “ …. imma tant ma kienx baqa’ feeling, anke meta kien idum barra u jidhol id-dar fil-ghodu, speci ‘I couldn’t have cared less’ u ghadni s’issa din il-bicca xoghol.”[9]

"L-attrici issemmi wkoll li l-konvenut kien qabad il-vizzju tal-loghob u kien berbaq hafna flus inkluz dawk appartenenti lill-familja taghha, izda ma setghetx tghid jekk dan il-vizzju kienx gja qabbdu qabel iz-zwieg.

"In fine l-attrici tattribwixxi n-nullita` taz-zwieg taghha ghal zewg fatturi, u cioe` li hi kienet ghadha zghira u kienet immatura meta dahhlet ghaz-zwieg u ma kienitx taf ghalxiex kienet diehla, tenut kont ukoll li f’ dak iz-zmien ma kienx hawn dik il-liberta’ li z-zaghzagh tallum igawdu u kient protetta hafna; u wkoll, li hija kienet izzewwget ta’ eta` zghira peress li tghid li kellha “certu pressjoni” biex tizzewweg sabiex il-konvenut jkun jista’ jibqa’ jghix Malta.

"In propositu huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

"[1] Illi meta l-attrici zzewwget hija kellha 19 il-sena u ghalhekk, stante li f’din l-eta’ il-ligi tippermetti li jigi

---

[6] Aff. Fol.5
[7] Fol.45
[8] Fol.48
[9] Fol.5

kuntrattat zwieg, ghandha tipprevali l-presunzjoni li l-attrici kellha maturita` sufficjenti sabiex tidhol ghal dan l-impenn kontrattwali li jgorr mieghu obbligazzjonijiet u drittijiet ta' natura perpetwa.

"Rigward il-livell ta' maturita` rikjesta ghall-kontrattazzjoni valida ta' zwieg, jinsab ritenut fil-gurisprudenza li la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita` ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-caput nullitatis [nuqqas ta' *discretio judicii* fuq il-hajja matrimonjali] . Illi ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta' maturita` jew edukazzjoni, izda ta' l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg *[ PA Melanie Borg Cardona vs Joseph Borg deciza 29.10.2003*].

"Fil-kaz in disamina ma jirrizultax li fiz-zmien tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-attrici kienet priva minn dan il-livell minimu ta' maturita` biex tidhol ghal dan l-impenn; u ghalhekk, in mankanza ta' prova kuntrarja ghandha tipprevali l-presunzjoni fuq indikata. Inoltre, lanqas tista' l-attrici takkampa ma' xi nuqqas da parti taghha li taghraf u tifhem l-obbligi matrimonjali relatati ma' l-att konjugali, ghax kif xehedet fid-deposizzjoni taghha huma kienu jaghmlu dan l-att komplet anke qabel iz-zwieg u dana ma persuna li kienet ilha tafu diversi snin stante li kien midhla tal-familja taghha. Dawn ic-cirkostanzi jimmilitaw kontra t-tesi ta' immaturita` da parti ta' l-attrici, jew nuqqas ta' konoxxenza sufficjenti fuq impenji essenzjali fil-hajja matrimonali.

"[2] Illi fl-affidavit taghha l-attrici tghid li huma zzewwgu taht "certu pressjoni" minhabba li f'dak iz-zmien il-konvenut kien ta' nazzjonalita` Taljana. F'dan ir-rigward, din il-Qorti ghandha r-riservi taghha dwar il-veracita` ta' din l-affermazzjoni da parti ta' l-attrici. Fl-ewwel lok jigi osservat li r-relazzjoni li hija kellha mal-konvenut qabel iz-zwieg kienet waslet fi grad ta' intimita` tali li z-zwieg kien il-pass naturali. Dan jimmilita kontra t-tesi ta' zwieg taht pressjoni. Il-Qorti hija konvinta li f'dawn ic-cirkostanzi l-partijiet riedu jizzewwgu u taw il-kunsens liberu taghhom

ghal dan il-ghan. Huwa koncess li c-cittadinanza tal-konvenut setghet kienet wahda mill-konsiderazzjonijiet, *albeit* incidentali, li wasslet lill-partijiet biex jiddeciedu fuq id-data taz-zwieg, izda tali konsiderazzjoni ma' ma tistax, fic-cirkostanzi tal-kaz, titqies bhala l-unika raguni ghaliex il-partijiet kienu ddecidew li jinghaqdu fiz-zwieg. Il-Qorti tosserva li ma hemm xejn x'jindika li l-ghoti tal-kunsens matrimonali tal-partijiet ma kienx wiehed ponderat u liberu fit-termini tal-ligi.

"[3] Hija opportuna l-osservazzjoni rigwardanti l-affirmazzjoni ta' l-attrici li l-konvenut kien qabad il-vizzju tal-loghob, illi mill-provi ma rrizultax li l-konvenut kien qed jabbuza minn dan il-vizzju qabel iz-zwieg u li huwa kien inganna lill-attrici billi hbiela dan il-vizzju. L-ingann u l-qerq ma jistghux legalment jigu prezunti, izda jehtieg li jirrizultaw b'mod sodisfacenti minn provi cari u integri, u mhux minn supposizzjonijiet u kongetturi. F'dan il-kaz, din il-prova tirrizulta mankanti.

"Kunsidrat il-premess, il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina il-*capita nullitatis* fuq riferiti, izda qabel xejn taghmel referenza ghall-osservazzjonijiet guridici u analizi tal-ligi, anke dik kanonika, maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza precitata Atkins vs Atkins:

"[1] Rigward tal-fattur tal-*vis et metus*, jigi osservat li mill-provi jirrizulta ampjament l-assenza tieghu. Ma hemm xejn fil-provi li jindika li l-ghoti tal-kunsens tal-partijiet, jew ta' wahda minnhom, kien vizzjat minhabba vjolenza, morali jew fizika, jew biza. Anzi kif fuq indikat, il-provi juru li l-kunsens taghhom kien wiehed liberu.

"[2] Rigward in-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, gie osservat li dak li huwa rikjest ghall-validita` tal-kuntratt taz-zwieg hija "la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro" [Bersini]. "It seems that discretion of judgment or maturity of judgmenet can be lacking if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: [1] when sufficient intellectual

knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; [2] when the contracting party has not reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; [3] or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is the capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives, and, on the part of the will freedom [autonomia] from all force from within.” *[PA Janet Portelli vs Victor Portelli deciza 14 Awissu 1995].*[10]

"Illi mill-provi ma rrizultax li l-partijet jew wahda minnhom kienet priva minn dawn l-fatturi b’mod li jista’ jinghad li l-kunsens taghhom kien vizzjat. Ma hemm xejn x’jindika li dawna ma kienux konxji tal-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja matrimonjali li huma bazati fuq il-kuncett ta’ unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghall-konvivenza ta’ hajja komuni, prokreazzjoni ta’ l-ulied u t-trobbija taghhom.

"[3] Rigward il-fattur tas-simulazzjoni tal-kunsens, il-Qorti tosserva li dan il-*caput nullitatis* huwa lampantament mankanti f’dan il-kaz. Ma hemm xejn x’jindika li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens taghhom il-partijiet, jew xi hadd minnhom eskluda z-zwieg *in toto* jew parzjalment; anzi l-provi juru proprju l-kuntrarju. Di fatti li l-attrici stess qalet li sakemm twieled t-tifla “kollox kien ghadu sew”[11] u kien biss wara li twieldet it-tifla li hija bdiet tibred minn mal-konvenut anke fizikament.

"[d] L-istess konsiderazzjoni tapplika b’izjed qawwa ghal *caput nullitatis* li jirrigwarda l-vizzju tal-kunsens minhabba rabta tieghu ma’ xi kundizzjoni li tirreferi ghall-futur. Ma hemm ebda prova li ssostni l-ezistenza ta’ dan il-fattur.

"Illi mill-premess ma jirrizultax provat li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fis-sena 1972 ma kienx validu fit-termini tar-regim legali ezistenti f’dak iz-zmien; u ghalhekk fit-

---

[10] *[citati fil-kaz Atkins vs Atkins supra].*

[11] Aff. Fol.5

terminu tal-Artikolu 36[2] tal-Kap.255 jonqos il-presuppost ghall-applikazzjoni retroattiva tad-disposizzjonijiet indikati fl-Artikolu 35[12] tal-imsemmi Kap.

"Dan premess u kkunsidrat it-talba attrici mhijex gustifikata la fil-fatt u lanqas fid-dritt: fil-fatt, ghax ma rrizultawx provati fatti li setghu integraw il-*capita nullitatis* fuq indikati, jew xi wiehed minnhom; u fid-dritt, ghax il-fatti provati ma jwasslux legalment ghall-invalidita` taz-zwieg kif fuq espost, u ghalhekk l-Att tas-sena 1975 li fuqhu hija bazata t-talba attrici huwa inapplikabbli ghall-kaz.

"In fine hija opportuna l-osservazzjoni li “Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta` u bla dubju ta’ xejn huwa ta’ ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss.” Dan bl-iskop li ma jigix annullat zwieg fuq ix-xewqa tal-parti jew partijiet, izda kif hekk inhu xieraq fuq is-serjeta` u l-bazi tar-rekwiziti legali. Ghalhekk jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m’ ghandux iwassal sal punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta’ bejniethom [kif hekk jesprimi l-Art.992] jigi stultifikat u rez insinifikanti. Kapaci wkoll jservi ta’ pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa’ fis-sehh. *[App.C Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia – 28.07.1987*, citata b’ approvazzjoni *PA[PS] Christine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002 u PA[PS] Chritine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002]."*

5. Minn din is-sentenza appellat l-attrici, b’rikors prezentat fil-15 ta’ Mejju 2006. Ghalkemm fis-sittax-il faccata ta’ dan ir-rikors hemm hafna affarijiet li huma ripetittivi, u xi minn daqqiet anke kuntradittorji, fiz-sezzjoni intestata “Aggravji” l-appellanti tirrikapitola l-aggravji taghha, li jistghu jigu sintetizzati hekk: (**a**) L-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba’ aggravju huma bazikament fis-sens li l-ewwel Qorti ma setghetx tapplika l-Kodici Pio-Benedittin biex tara z-zwieg tal-kontentendi kienx validu, u messa applikat biss il-Kap. 255 u dan stante li l-ligi kanonika m’ghadhiex parti mil-ligi

[12] Recte: 36(1) - il-Qorti ta' l-Appell

domestika. (**b**) Il-hames, sitt, seba’, tmien u disa’ aggravju huma fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-provi li, skond l-appellanti, kienu juru li hija kienet immatura meta dahlet ghaz-zwieg, li kellha pressjoni fuqha biex tizzewweg halli l-konvenut ikun jista’ jikseb ic-cittadinanza Maltija, li kien hemm qerq jew ingann da parti tal-konvenut anke fid-dawl tal-vizzju tieghu tal-loghob, u li t-talbiet taghha gew “analizzati…b’mod superficjali wisq ghall-gravita` tal-kaz…”. (**c**) L-ghaxar aggravju jirrigwarda l-kap ta’ l-ispejjez, fejn l-appellanti mhux biss tghid li ma kellhiex tbati l-ispejjez tal-kawza izda li hi “ghandha tinghata kumpens ghad-danni li intortament giet kostretta li ssofri”.

6. Din il-Qorti, ezaminati l-atti kollha, ma tara assolutament xejn x’ticcensura fis-sentenza appellata. Il-posizzjoni legali ghal dak li jirrigwarda zwigijiet kontrattatti qabel il-bidu fis-sehh ta' l-Att XXXVII ta’ l-1975 giet spjegata minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tad-19 ta’ Ottubru 1988 fl-ismijiet **Louis Agius v Georgia Agius xebba Gauci**. F’dik is-sentenza kien gie spjegat li l-kompitu tal-Qorti f’kazijiet simili kien li jigi ezaminat jekk iz-zwieg *de quo* kienx validu skond il-ligi vigenti li kienet tapplika ghalih meta sar. Fi kliem iehor, b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 36 (gja` 24) tal-Kap. 255 dak li l-Qorti kellha taghmel kien li tezamina jekk iz-zwieg in kwistjoni kienx validu skond il-ligi li kienet tapplika ghalih fiz-zmien meta sar; u jekk jirrizultalha li dak iz-zwieg kien validu, allura dak kollu li hemm fil-Kap. 255 ma jistax jolqot dik il-validita`. Jekk, pero`, ma kienx validu allura z-zwieg jista’ jigi dikjarat null jekk hemm xi raguni ghal tali nullita` prospettata fl-Att dwar iz-Zwieg. Kif gie osservat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza tal-4 ta’ Ottubru 1995 fl-ismijiet **Evelyn Agius v. John Borg**, il-konsegwenza ta’ dan u mill-punto di vista prattiku, hi li kemm il-Qorti ta’ prim istanza kif ukoll din il-Qorti ta’ Appell tista’ tezamina zwieg bhal dak odjern fid-dawl ta’ xi wiehed jew aktar mill-*capita nullitatis* imsemmija fl-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255, purche` li l-*caput nullitatis* in kwistjoni kien applikabbli sostanzjalment ghaz-zwieg meta sar u sa fejn kien applikabbli tenut kont tal-ligi vigenti meta sar. In fatti f’din is-sentenza **Agius v. Borg** il-Prim Awla kienet

applikat il-kanone 1083(2) tal-Kodici Pio-Benedittin dwar l-*error circa qualitatem personae* u accennat ukoll ghall-kanone 1092 ta' dak il-Kodici b'referenza ghall-kunsens marbut ma' kondizzjoni *de futuro* (fejn id-disposizzjoni ta' dak il-Kodici kienet aktar ristretta fil-portata taghha minn dak li hemm fil-paragrafu (g) ta' l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255)[13]. Ghalhekk l-ewwel Qorti mxiet perfettament in konformita` mal-ligi domestika – u mhux ma xi ligi ta' xi "stat barrani" kif qed tipprova tissuggerixxi l-appellanti – fis-sentenza appellata.

7. Pero` anke li kieku wiehed kellu, ghall-grazzja ta' l-argument, jghid li f'dan il-kaz huma applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 19(1) minghajr ebda referenza ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 36(1), l-appellanti ma gabet ebda prova li, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, tista' twassal ghall-akkoljiment tat-talba taghha taht xi wiehed mill-paragrafi minnha invokati. La jirrizulta li z-zwieg sar minhabba vjolenza jew biza', la li kien hemm xi qerq fis-sens tal-paragarfu (c) ta' l-Artikolu 19(1), u anqas li kien hemm nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha. Ma hemm assolutament ebda prova ta' simulazzjoni – totali jew parzjali – u anqas prova li xi parti rabtet il-kunsens taghha ma kondizzjoni li tirreferi ghall-futur. L-appellanti tilmenta li hija ma kellhiex hlief lilha stess biex taghmel il-prova skond il-ligi, fis-sens li kull ma setghet tipproduci kien l-*affidavit* (dikjarazzjoni guramentata) taghha stess, apparti d-deposizzjoni taghha moghtija fl-udjenza tas-7 ta' Marzu 2006 quddiem l-ewwel Qorti. Dan ma hux ghal kollox korrett. Kif irrizulta mill-verbal ta' l-udjenza tas-26 ta' Gunju 2007 u fuq mistoqsija ta' din il-Qorti, kemm ohtha l-appellanti u missierha ghadhom hajjin – pero` dawn baqghu ma gew qatt prodotti. Naturalment, forsi ma kellhom xejn xi jghidu li seta' javalla wahda mid-diversi tezijiet ta' l-appellanti. Anqas ma gie prodott il-konvenut in subizzjoni, u dan minkejja li quddiem l-ewwel Qorti deher mill-anqas darbtejn: darba quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dott. Josette Demicoli fil-25 ta' Mejju 2005 u darb'ohra fl-

[13] Ara wkoll: **Samuela Lea Pavia v. John Pavia**, Prim Awla, 20 ta' Mejju 1996, u **Joseph Borda v. Rose Borda**, Prim Awla, 7 ta' April 1997

udjenza tal-14 ta’ Frar 2006 (allura quddiem l-Onor. Imhallef N. Cuschieri). Fi kliem iehor, apparti konsiderazzjonijiet ta’ dritt riferibbilment ghall-ewwel, tieni, tielet u raba’ aggravji, il-kaz kollu ta’ l-attrici appellanti jaqa’ minhabba li ma gabitx provi sodisfacenti in sostenn ta’ l-allegazzjonijiet taghha li z-zwieg taghha huwa null anke jekk wiehed joqghod esklussivament fuq il-Kap. 255.

8. Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dana l-appell jithallsu mill-attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------